MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Numru. 503/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Nikolova Evdokiya Todorova**

**Illum 11 ta' Mejju, 2012**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra **Nikolova Evdokiya Todorova** ta' 36 sena, bint Todor Nikolov u Bianca xebba Tomoba, mwielda Bulgaria nhar il-21 ta' Mejju, 1976 u residenti Hotel Milano Due, Xatt tal-Gzira, Gzira detentrici tal-karta tal-identita Bulgara bin-numru 643231558;

Talli nhar l-10 ta' Mejju, 2012 ghall-habta ta' 17:00hrs gewwa dawn il-gzejjer, ikkommettejt serq ta' €65 Euro ghad-detriment ta' Ronald Leonard Reed, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza;

Semghet l-ammissjoni bikrija tal-imputata;

Rat illi l-ammont misruq mill-imputata ghal kemm misruq ma kienx daqshekk kbir;

Rat l-Artikoli 261 et seq u 28A tal-Kap 9;

Il-Qorti ghalhekk issib lill-imputata hatja u tikkundannah ghall-terminu ta' prigunerija ta' xahar, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputata tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija ghal zmien tlett (3) snin mill-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------